Informazzjoni ġenerali dwar Sib Kumpanija

## Dwar dan is-servizz

Tista' tikseb informazzjoni dwar kumpaniji rreġistrati fir-reġistri tan-negozju fl-UE, l-Iżlanda, il-Liechtenstein jew in-Norveġja bl-użu tas-servizz "Sib kumpanija".

Dan huwa parti mis-Sistema ta' Interkonnessjoni tar-Reġistri tan-Negozju (BRIS), stabbilita b'konformità mad-Direttiva 2012/17/UE u mar-Regolament ta’ Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/884.

Sib aktar dwar ir-reġistri tan-negozju nazzjonali u l-informazzjoni li jżommu dwar il-kumpaniji.

Għal kull domanda dwar is-servizz jekk jogħġbok ikkuntattja just-bris-helpdesk@ec.europa.eu.

L-informazzjoni dwar il-kumpanija pprovduta fil-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika permezz tas-Sistema ta’ Interkonnessjoni tar-Reġistri Kummerċjali (BRIS) tinġabar f’ħin reali mir-reġistri kummerċjali tal-Istati Membri, mingħajr ebda ħlas mingħand il-kumpaniji. Jekk tirċievi ittra suspettuża li tkun ġejja mingħand il-BRIS, mingħand il-Portal Ewropew tal-Ġustizzja Elettronika jew mingħand il-Kummissjoni, jekk jogħġbok ikkuntattjana minnufih fl-indirizzjust-bris-helpdesk@ec.europa.eu. Lill-ispeditur la tħallsu qatt.

## Kif jaħdem

Biex tfittex kumpanija:

- Fittex skont in-numru tal-kumpanija u/jew in-numru tar-reġistrazzjoni.
- Se tara lista ta’ riżultati li jqabblu t-tiftixa tiegħek mal-informazzjoni tal-kumpanija bażika.
- Imbagħad tkun tista' tara iktar dettalji dwar il-kumpanija.
- Is-sistema turik lista ta' informazzjoni disponibbli li l-kumpanija tkun ippreżentat lir-reġistru tan-negozju nazzjonali.
  Pereżempju:
    - *l-istatut ta' assoċjazzjoni*
    - *il-kontijiet annwali*
    - *il-kapital sottoskritt*
    - *ir-rappreżentanza legali* tal-kumpanija.
- Agħżel id-dokument(i) li trid u itfagħhom fil-baskett tiegħek.
- Kif tagħżel id-dokumenti li teħtieġ mur fiċ-check out.

NB: Għalissa tista' titlob biss informazzjoni li r-reġistri nazzjonali jipprovdu bla ħlas. Għal dokumenti bi ħlas, il-prezzijiet murija fuq il-portal tagħna huma pprovduti mir-reġistri nazzjonali u huma biss indikattivi u soġġetti li jinbidlu. Biex titlob kwalunkwe wieħed minn dawk id-dokumenti, jekk jogħġbok mur fis-sit web tar-reġistru nazzjonali, fejn ikun speċifikat il-prezz finali.

## Dokumenti

Konsenja tad-dokumenti

Id-dokumenti li jistgħu jiġu kkonsenjati b'mod immedjat se tkun tista' tniżżilhom mill-brawżer tiegħek.

Kull dokument ieħor tirċevih bil-posta elettronika peress li l-konsenja tagħhom issir mir-reġistri nazzjonali. Dan

jista' jieħu sa 14-il jum.

Aċċess għad-dokumenti

Ladarba dokument tkun tista' tniżżlu fil-brawżer tiegħek, tkun tista' tissejvjah lokalment għall-użu personali tiegħek.

Dokumenti mibgħuta bil-posta elettronika jkunu jistgħu jitniżżlu għal 6 ijiem mill-mument li jaslu.

# Ħoloq għall-paġni web tar-reġistri nazzjonali

| Pajjiż | Reġistru tan-negozju |
|---|---|
| L-Awstrija | Österreichisches Firmenbuch/Official Business Register<br>https://www.justiz.gv.at/web2013/home/e-government/firmenbuch/die_firmenbuchdatenbank~2c9484852308c2a601240b693e1c0860.de.html |
| Il-Belġju | Kruispuntbank van Ondernemingen/Banque-Carrefour des Entreprises/ Zentrale Unternehmensdatenbank<br>https://economie.fgov.be/en/themes/enterprises/crossroads-bank-enterprises<br>https://kbopub.economie.fgov.be/kbopub/zoeknummerform.html?lang=en |
| Il-Bulgarija | Търговски регистър/Commercial Register<br>https://portal.registryagency.bg |
| Il-Kroazja | Sudski registar/Court Register<br>https://sudreg.pravosudje.hr/ |
| Ir-Repubblika Ċeka | Verejny restrik (obchodni rejstrik)/Public Register (Commercial Register)<br>https://or.justice.cz/ias/ui/rejstrik |
| Ċipru | Έφορος Εταιρειών/Registrar of Companies<br>http://www.mcit.gov.cy/<br>http://www.mcit.gov.cy/mcit/drcor/drcor.nsf/index_en/index_en?OpenDocument |
| Id-Danimarka | Erhvervsstyrelsen/Danish Business Authority<br>https://datacvr.virk.dk |
| L-Estonja | Äriregister/Commercial Register<br>https://ariregister.rik.ee/eng |
| Il-Finlandja | Patentti-ja Rekisterihallitus/Finnish Patent and Registration Office<br>https://www.prh.fi/en/index.html |
| Franza | Registre du Commerce et des Sociétés/Business Register<br>https://www.infogreffe.com/ |
| Il-Ġermanja | Handelsregister/Business Register<br>https://www.handelsregister.de/rp_web/welcome.do?language=en<br>Unternehmensregister/Commercial Register<br>https://www.unternehmensregister.de/ureg/?submitaction=language&language=en |
| Il-Greċja | Γενικό Εμπορικό Μητρώο (Γ.Ε.ΜΗ.)/Greek (Hellenic)<br>http://www.businessportal.gr/home/index_en |
| L-Ungerija | Országos Cégnyilvántartó és Céginformációs Rendszer/<br>Company information system<br>https://occsz.e-cegjegyzek.hu/info/page/ceginfo |
| L-Iżlanda | Fyrirtækjaskrá RSK/ Register of Enterprises<br>https://www.rsk.is/english/individuals/ |
| L-Irlanda | The Companies Registration Office – an Oifig um Chlarú Cuideachtaí<br>https://www.cro.ie |
| L-Italja | Registro delle imprese/Business Register<br>https://italianbusinessregister.it |
| Il-Latvja | Latvijas Republikas Uzņēmumu Reģistrs/Register of Enterprises of The Republic of Latvia<br>https://www.ur.gov.lv/en/ |
| Il-Liechtenstein | Amt für Justiz – Handelsregister/Commercial Register<br>https://handelsregister.li/cr-portal/suche/suche.xhtml |
| Il-Litwanja | Juridinių asmenų registras/Register of Legal Entities<br>https://www.registrucentras.lt |
| Il-Lussemburgu | Registre de commerce et des sociétés/Trade and Companies Register<br>https://www.lbr.lu |
| Malta | Registru tal-Kumpaniji ta'Malta/Registrar of Companies Malta<br>https://mbr.mt/ |

| Pajjiż | Reġistru tan-negozju |
|---|---|
| In-Netherlands | Handelsregister/Business Register https://www.kvk.nl/english/ordering-products-from-the-commercial-register/ |
| In-Norveġja | Foretaksregisteret/Register of Business Enterprises https://www.brreg.no/home/ |
| Il-Polonja | Krajowy Rejestr Sądowy/ National Court Register https://ekrs.ms.gov.pl/web/wyszukiwarka-krs/strona-glowna/index.html |
| Il-Portugall | Registo Comercial/Commercial Register https://irn.justica.gov.pt/ |
| Ir-Rumanija | Oficiul National al Registrului de Comert/National Trade Register Office https://www.onrc.ro/index.php/en |
| Is-Slovakkja | Obchodný register http://www.orsr.sk/Default.asp?lan=en |
| Is-Slovenja | Poslovni register Slovenije/Slovenian Business Register https://www.ajpes.si/prs/Default.asp?language=english |
| Spanja | Colegio de registradores https://www.registradores.org |
| L-Iżvezja | Bolagsverket/Swedish Companies http://www.bolagsverket.se/en |

# Protezzjoni tad-dejta

Biex tkun taf kif nipproteġu d-dejta personali tiegħek, jekk jogħġbok aqra l-avviż legali tagħna, b'mod partikolari l-avviż ta' privatezza u r-regoli tal-protezzjoni tad-dejta.

Tista' ssib ta' utilità wkoll li taqra r-regoli tal-protezzjoni tad-dejta fil-pajjiżi li qed jieħdu sehem fil-BRIS (339.23 KB - PDF) EN.

# Forom ta' kumpaniji

Dan is-servizz ikopri kumpaniji privati b'responsabbiltà limitata u l-fergħat tagħhom irreġistrati f'wieħed mill-pajjiżi tal-UE, l-Iżlanda, il-Liechtenstein jew in-Norveġja.

Huwa jkopri wkoll kumpaniji rreġistrati bħala Kumpanija Ewropea (Societas Europea jew SE).

Il-forom ġuridiċi jidhru fil-lingwa oriġinali flimkien ma' deskrizzjoni fil-qosor fil-lingwi uffiċjali kollha.

> L-aħħar aġġornament: 03/04/2025

Din il-paġna hi amministrata mill-Kummissjoni Ewropea. L-informazzjoni f'din il-paġna ma tirriflettix neċessarjament il-pożizzjoni uffiċjali tal-Kummissjoni Ewropea. Il-Kummissjoni ma taċċetta l-ebda responsabbiltà fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali fir-rigward tar-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-paġni Ewropej.